**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Marzu 2018**

**Talba Nru: 486/17 CZ**

**Vodafone Malta Limited (C 10865)**

**vs.**

**Vellela Co. Limited (C 64640)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 t'Ottubru 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas is-somma dovuta ta' tliet elef u disa' Ewro u sitta u sebghin centezmu (€ 3,009.76), rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 4.8222.10.00.100000, fuq talba u a beneficcju tas-socjeta ntimata u dan kif jirrizulta mill-fattura li kopja taghha qed tigi hawn mehmuza 'Dok. VF1.'

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali bin-numru tar-referenza 2106/17, u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv."

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet elef u disa' Ewro u sitta u sebghin centezmu (€ 3,009.76) bl-imghaxijiet legali kif mitluba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur